

# Is-Siġġiewi fid-deskrizzjoni ta' Malta (ta' Giov Francesco Abela) - Dun Nikol Aquilina B.A. D.Litt Lic.D. Dip. Educ

Interessanti tisma' l-bdiewa tagħna jitkellmu fuq xi żona jew kontrada tal-kampanja li ssebbaħ lil Raħalna, s-Siġġiewi. Dawn l-ismijiet jirriflettu l-antikità tal-post għax bħalma jiġri fil-laqmijiet, maż-żmien jinbidlu: imutu xi ftit minnhom u jitwieldu oħrajn ġodda. Hemm qasam ta' studju li jissejjaħ: toponomastika (kelma Griega li tfisser : isem τοπός, ta' post) . Dan l-istudju jistħarreġ it-tifsira u l-oriġini ta' dawn l-ismijiet li xi wħud minnhom jibqgħu ħajjin u għaldaqstant jitfgħu dawl fuq il-ħajja soċjali u ambjentali ta' żmien ilu.



DELLA
DESCRITTIONE
DI
MALTA
ISOLA NEL MARE
SICILIANO
CON LE SVE ANTICHITA, ED ALTRE NOTITIE
Libr Quattro.
DEL COMMENDATORE
FRA GIO: FRANCESCO ABELA
Vicecancelliere della Sacra ed Eminentissima Religione Gierosolimitana.
IN MALTA.
PER PAOLO BONACOTA. MDCXLVII.
CON LICENZA DE' SVPERIORI.

Se nagħtu ħarsa ħafifa lejn ċerti ismijiet fil-kampanja tas-Siġġiewi kif insibuhom imniżżlin fil-ktieb interessanti bl-isem: Della Descrittione di Malta isola nel Mare Siciliano miktub minn Giov Francesco Abela u stampat f'Malta fl-istamperija ta' Paolo Bonacota fl- 1647.

Tajjeb li nkunu nafu li dan GFA huwa kkunsidrat bħala Missier tal-Istorja ta' Malta għax kien l-ewwel Malti li kiteb mhux biss il-ġrajjiet tal-Gżejjer Maltin imma wkoll ħallielna deskrizzjoni tagħhom.[1]

1 F'din il-kitba wieħed għandu jinnota kemm fiż-żona tas-Siġġiewi kien hemm nixxigħat naturali ta' ilma ġieri (illum sfortunatament intemmu) u kemm l-antenati tagħna kienu jgħożżu l-ilma billi jħaffru bjar biex jikkonservaw l-ilma.

> Meta niltaqgħu mal-kelma ġardin ma jfissirx li kien hemm dan l-għadd kbir ta' ġraden imferrxa fil-kampanja Siġġiewija; imma rridu neħduha li tfisser għalqa għammiela, ikkultivata tajjeb, b'xi siġar u mdawwra bil-ħitan.

> Żammejt l-ismijiet tal-postijiet kif inhuma miktubin fit-test oriġinali ta' GFA meta l-alfabett Malti kien għadu ma ssawwarx kif nafuh illum. Dan seħħ fis-sena 1933. Għaldaqstant GFA ma kellux biex jikteb l-ittri W, Għ u oħrajn. Kien jinqeda wkoll bis-sura tal- alfabett Taljan.


*ikompli f'paġna 144*

Għaldaqstant se niffukaw fuq dak li jgħidilna GFA dwar is-Siġġiewi.

Meta jiġi biex jitkellem dwar is-Siġġiewi GFA jsejjaħlu: TERRA SIGGEVY CO'L CASALOTTO RAMIA. Imbagħad jgħid li dan ir-Raħal iħaddan ukoll żewġ irħula żgħar Sciluc u el Kibir. Jgħid li fis-seklu ta' qabel kien hemm ukoll ir-raħal ċkejken ta' Kideri li jinsab fit-triq li minn Ħaż-Żebbuġ tiehu għall-Għolja ta' Verdala (Monte Verdala). Iżda llum, skont GFA, dan ir-raħal jinsab diżabitat.

Fis-Siġġiewi jinsabu għadd sabiħ ta' familji tat-tajjeb. Il-popolazzjoni tar-Raħal tlaħħaq il-295 dar u jgħixu 1494 ruħ. Fiż-żona huma abbondanti s-siġar u l-ħxejjex li jirrenduha sabiħa; xi djar jagħmlu inbid eċċellenti billi fit-territorju tas-Siġġiewi jinsabu għelieqi tad-dwieli b'għeneb b'togħma tajba ħafna.

Kif toħroġ mis-Siġġiewi dritt issib il-fewdu Tabria bil-wied tiegħu u fuq ir-riħ tagħha hemm l-għajn tal-Laurenti li fiha ilma ċar ġej minn naqra ta' għolja; x'ħin inħarsu lejn ix-xellug naraw wied ieħor tal- Gorghenti . GFA isejjaħ il- Girgenti bħala ġardin mill-isbaħ li ħa l-isem minn Kastell mibni ħdejn l-għajn tal-ilma li kien iġib l-isem ta' Agrigento.

F'dawn l-inħawi nsibu xi djar li huma magħrufa bl-isem ta' Deyr el BaKar jiġifieri Dar il-Baqar.

Ma jistax jonqos li GFA ma jsemmix l- Aayn el Kibira li tħaddan it-territorju tat-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni f'Malta.

Chiesa della Madalena fit-territorju/ Rdum ta' Ġebel Ciantar - l-Għolja ta' Ciantar hi proprjetà ta' familja sinjura Maltija li ġġib dan l-isem.

Din iż-żona hi għanja fl-ilma ġieri, ġraden bi dwieli u art għammiela, frott ta' togħma tassew bnina u fuq kollox għeneb ħelu u tawwali li l-Maltin jsejħulu Bezzulet el BaKra . Billi dawn l-għelieqi tad-dwieli jħarsu lejn in-nofsinhar esposti għax xemx u quddiem il-baħar u warajhom għandhom il-blat biex ikenninhom mir-riħ fuq, jirnexxielhom jagħmlu frott abbondanti, b'togħma tajba.

Minħabba f'hekk in-nies tal-Belt għażlu li jibnu djar tal-kampanja, djar komdi u sbieħ f'dik l-arja tajba ħafna għas-saħħa.

Aayn Kadi li tfisser l-Għajn tal-Imħallef. F'dawn l-inħawi skont Bosio, seħħet ġrajja ta' swied il-qalb. Waħda xbejba sabiħa mill-familja Dingli fis-Siġġiewi sfat maqbuda

flimkien ma' niesha mill-Ġannizzeri, suldati Torok. In-nies tal-familja Dingli kienu qed jistaħbew f'għerien matul l–Assedju tal-1565. Il-kap tas-suldati qabad it-tfajla li kienet qrib għajn tal-ilma; beda jittantaha u hi irresistiet.

Fil-pront rat il-kavallerija tal-Maltin ġejja u din it-tfajla ħadet ir-ruħ għax ħasbet li se tinħeles; bdiet tgħajjat lil ommha: "Ara l-Insara". Iżda f'dak il-waqt ġiet maqtula brutalment.

Is-suldati Torok ħarbu quddiem is-suldati Maltin; iżda xi ftit minnhom inqabdu priġunieri u tmienja minnhom sfaw maqtula.

Aayn Ghaliem Alla li tfisser għajn tal-qaddej t'Alla. Fil-qrib hemm ġebla bl-isem ta' Hagira tal- Usif fuq xifer il-baħar. (Hagra ta' l-Usif : Aquilina jfissirha bħala : a place near the spring known as Għajn Għeliem Alla).Minn Ġebel Ċiantar induru lura lejn il-parti tal-Lvant , lejn Raħal Kibir u l-inħawi tas-Siggeuy, u nsibu in Noscieaa (In-Nixxiegħa): nixxiegħa ta' ilma ġieri.

Miseyrah: (Msieraħ) li tfisser spazju miftuħ.

El Barnùs : kelma li ġejja mill-Għarbi u tfisser: mantel oħxon bil-barnuża. Minn din il-kelma ħadu l-isem kemm din iż-żona kif ukoll il-familja spanjola Albornoz.

Ta Buha : ġardin li jġib dan l-isem.

Ghar Tuta : Għar tat-Tut. F'dawn l-inħawi jinsab ħafna ġebel qadim ta' kobor mhux tas-soltu u sinjali ta' bini. Is-saqaf ta' dan il-għar hu miksi b'ġebel rustiku msallab u marbut flimkien bil-ġibs. Ġewwa fuq naħa waħda hemm għadd ta' mxatar (pl. ta'maxtura) b'niċeċ fuqhom imħaffra fil-blat, imbegħda minn xulxin bl-istess qjies u li jagħtu lok għal stalla ta' għaxar żwiemel.

Mhux 'il bogħod mid-daħla għall-imsemmi għar instab ftit ilu paviment intarsjat b'madum, f'forma ta' rombu ( b'din is-sura ) u jżommu flimkien bil-ġibs. Instabu wkoll xi biċċiet tal-irħam, għatba tal-bieb ukoll tal-irħam u bis-sinjali ta' ċappetta li fuqhom kien idur il-bieb.

Tal-Mazzu wita li qiegħda fuq naqra ta' għolja bl-isem Ta' Ghemmuna fejn hemm il-Knisja ta' Santa Marija fl-antik magħrufa bħala ta' Għemmuna, illum nafuha bħala el Aalia jiġifieri l-Għolja minħabba l-għoli tal-post li hu l-ogħla fil-Gżira. Din il-knisja barra għall-antikità hi magħrufa wkoll għad-devozzjoni.


*ikompli f'paġna 146*

Chiesa di S. Lorenzo (Il-Knisja ta' San Lawrenz) mibnija mill-ġdid, fejn għadhom jidhru fdalijiet ta' bini antik u ġebel kbir, sinjal li kien hemm bini sabi li ġġarraf.

Giardino : għalqa b'nixxiegħa tal-ilma li hi tal-familjaTurrensi.

Aayn Moscia (Aquilina: barren Land; name of an area in the neighbourhood of Is-Salib ta' l-Għolja).

El Himeri (illum magħruf bħala il-Ħmieri): hekk imsejjaħ minħabba l-ħamrija ħamra.

Etfali : art taflija taħt il-Knisja ta' San Lawrenz

L'Andar ta Xiara` il-qiegħa tal-familja Xara.

El Baiadhat : (illum nafuh bħala l-Bajjada) territorju b'art bajdanija li hi tal-Monasterju ta' San Nikola ta' Arena ta' Catania.

Ginen Dors (illum nafuh bħala Ġnien Dors) dan il-ġnien u dwieli jinsabu fiz-zona ta' Hal Tabuni li tfisser ir-raħal ta' Missierna; Tabuni hi ukoll l-isem ta' familja Maltija tat-tajjeb u antika. Minn dan ir-raħal ma baqa' xejn ħlief l-isem.

Beb e Rahal (Bieb ir-Raħal) bieb jew id-daħla għar-raħal jiġifieri il-Kbir li mhux 'il bogħod minn hemm.

S. Taudar , żona li tieħu isimha mill-Knisja ta' San Teodoro li kien hemm fl-antik.

DoKiena (Id-Dokkiena) : din iż-żona tissejjaħ hekk għax qisha ħarriega jew bank li nsibu fil-bieb tad-djar jew fit-twieqi biex jitqiegħdu qsari bil-fjuri.

Tal Cherba, bini mġarraf.

Chiesa denominata ta' Han Tus : knisja msejjħa ta' Han Tus.

Giardino di Xara` : ġardin ieħor tal-familja magħrufa ta' Xara.

Ta' Bellu : ta' Xara wkoll.

Ghadira ta' Xara : għadira ta' l-ilma; illum tintuża mill-Ħasselin.

RAHAL KIBIR : ir-Raħal il-Kbir: għalkemm jissejjaħ kbir, dan ir-raħal ma fieħx aktar minn għoxrin familja li jgħoddu mija u dsatax- il ruħ. Dan ir-raħal kien jinfirex sal-post jissejjaħ Santa Marija tal-Knejjes.

B'danakollu f'dak li għandu x'jaqsam mal-kura spiritwali u mal-Milizja jiddependi mill-Parroċċa tas-Siggeuy.

Ta' min jgħid li minn hawn ħarġu xi familji antiki Maltin. Jixhdu dan għax kien hemm erba' torrijiet li wieħed minnhom għadu jeżisti, mibni tajjeb u għandu sura ottagonali.

Chiesa di S. Sofia: knisja ta' Santa Sofia glorjuża Verġni u Martri.

Barrani: jiġifieri dak ta' barra : żona li kienet barra ir-Raħal ta' Sciluc u il Kibir, fejn hemm xi knejjes imġarrfin.

S. Maria tal Kneyes: illum imwaqqa' imma għadhom jidhru sinjali li jixhdu l-antikità tagħha. Taħt kellha ċimiterju li kont tinżel għalih permezz ta' ftit taraġ; kellha tlett artali skont id-drawwa ta'dak iż-żmien.

Biar Blat: sitt ibjar imħaffrin fil-blat.

Tal EenieK: bir li jingħad għandu l-qiegħ bil-madum u miksi bi pjanċi taċ-ċomb bħal oħrajn li nstabu f'għadd ta' postijiet f'Malta speċjalment qrib il-baħar.

T altami: art fejn jidhru xi bjar li jservu biex iżommu l-ilma tax-xita; dawn huma mgħottija b'ġebel kbir li jistrieħ fuq pilastri tal-ġebel miksijin kollha b'materjali li jitboq (catrame) biex l-ilma ma jinxtorobx mill-ġebla. Il-għadd tagħhom jitla'għal ħmistax; bil-Malti jissejħu gebie (i.e. ġwiebi).

F'dan il-post b'fetħa ta' bejn erba' jew ħames tomniet jinsabu ħafna fdalijiet li jixhdu li kien hemm xi bini speċjali. Insibuh daqs elf u ħames mitt pass 'il bogħod mill-għar bl-isem ta' Lapsi .

Guedi Collinette: għalqa jew razzett li hu Benefiċċju tal-Knisja.

Hagiar Qim : ġebel wieqaf, il-fdal ta' bini tal-Ġganti.

Bir el RoKna : bir li jinsab fir-rokna.

ChandaK el Rihan (Handaq ir-Rihan): wied li jieħu ismu mir-riħan (myrtle) fejn jidhru sinjali ta' djar antiki minħabba s-sura tal-ġebel u l-għadd ta' bjar li jinsabu hawnhekk.

T abarrada li tieħu isimha mis-sura ta' qasrija tal-fuħħar li fiha l-bdiewa u nies tal-kampanja kienu jużawha biex jikkonservaw il-ħobż.

El Himeri : art ħamra.

Chiesa di S. Nicolo` : knisja ta' San Nikola li tinsab fit-territorju tal-Patrijiet ta' San Benedittu ta' Catania li reġgħet inbniet minnhom ftit snin ilu f'sura akbar u isbaħ.

Rahal Niclusi : Ir-Raħal ta' San Nikola li kien hawn fl-antik u li għadhom jidhru il-pedamenti ta' bini u ħafna bjar.

El Velgia ta' Hal Niclusi : l-isem ta' Velgia (Wilġa) jfisser art għammiela u rziezet li jinsabu f'wita fertili.

RAHAL SCILVK : Raħal ċkejken magħdud mas-Siġġiewi f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija ċivili u parrokkjali; fih seba' u tletin dar u joqogħdu mija u wieħed u sebgħin ruħ.
Bir Giabrun : il-bir tal-ġganti li fih ilma ġieri.

Vied Sciolscia : wied.

Vyed ta' Bir Aabd Alla, wied li jfisser il-bir tal-qaddej ta'Alla, isem ta' wieħed Saracin.
Vyed SciKora : wied tax-Xkora fejn insibu xi ġraden.

Chiesa di S. Andrea Apostolo
El Muyegen, : ġardin.

Biar Giabbar : bjar tal-Ġgant.

Dueyret el Mehri : li tfisser Dwejret (dar ċkejkna) tal-maħmuġ/ jinten.

